TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIŻJONI NRU. 89

KAŻ NRU. 114

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
John Polidano
u
Messrs N.K.T. (Malta) Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 20 t'April 1981.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tal-5 ta' Novembru, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' John Polidano mill-Kumpanija NKT (Malta) Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, D.Pol. Econ. (Oxon.), F.R. Econ.S., M.I.M. filwaqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur Ole Steen Andersen, General Manager li kien assistit mis-Sur Albert J. Tabone.

3. Statements of Case. Ghall-appellant gie sottomess li l-kaz kien gie ghall-attenzjoni tal-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura b'ittra datata 21 ta' Lulju, 1980, li kopja taghha giet esebita (Dok. Nru. 2B) u li l-kontenut taghha kellha taghmel parti ntegrali mis-sottomissjonijiet. F'din l-ittra, l-appellant sostna

/2. .....

li hu gie mkecci ngustament u mhux telaq minn rajh u li l-ittra ta' rizenja li kien iffirma u li ggib id-data ta' l-4 ta' Lulju 1980, li kopja taghha giet esebita ( (Dok. Nru. 2C) l-appellant kien gie sfurzat serjament biex jifferma ghaliex kien gie mhedded li ser tittiehed azzjoni kontra tieghu bil-pulizija u minkejja l-innocenza tieghu, ma kienx jista' jirregistra ghax-xoghol sakemm jinqata' l-kaz u kien ghalhekk li hu kien iffirma "karta lixxa ... li kien fiha biss zewg linji li jghidu li jien John Polidano kont qed nirrizenja mill-post tieghi ta' 'watchman' ma' NKT (Malta) Ltd. b' effett mill-4 ta' Lulju, 1980" u dan ghamlu ghax bezzawh, u kellu pressjoni qawwija. Dan meta kien wahdu minghajr l-assistenza ta' "l-ghaqda tal-haddiema" li l-kostituzzjoni taghha, kopja esebita (Dok. Nru. 2D) tghid car u tond li "id-dritt tar-rapprezentanza f'dak kollu li jirrigwarda l-interessi tal-haddiema." Zied jghid li meta talab din l-assistenza, din giet lilu michuda.

<u>Ghall-Kumpanija</u> gie sottomess li John Polidano kien impjegat mal-kumpanija bhala Watchman mid-9 ta' April 1979 u rrizenja mill-4 ta' Lulju 1980 kif jidher mid-dokument (Dok. Nru. 3A). L-istorja ta' din ir-rizenja kienet li ghadd ta' 'cables' gew nieqsa bejn it-3 u l-4 ta' Lulju, 1980. Wara li saru l-investigazzjonijiet is-suspett waqa' fuq John Polidano li gie msejjah quddiem il-Managemènt u gew ukoll infurmati r-rapprezentanti tal-haddiema. Fil-laqgha kien hemm Mr. O. Andersen (il-General Manager), Mr. V. Mogensen (Production Manager), is-Sur O. Aquilina (Asst. Production Manager) u s-Sur Joseph Ciantar (Sales Manager mal-Power Electrics). F'din il-laqgha l-appellant gie nfurmat li ghadd ta' 'cables' gew nieqsa bejn it-3 u l-4 ta' Lulju u li kien hemm suspett serju li kien responsabbli hu. Ghall-ewwel cahad li kien xoghol f'dan il-perijodu izda meta gie muri l-'punch card' ammetta li kien ghax-xoghol. Wara li qalulu li din kienet

haga serja ferm u setghu jsejhu lill-Pulizija biex jinvestigaw izjed, l-appellant gie moghti l-ghazla li jew jirrizenja jew din il-haga tinghata f'idejn il-Pulizija, izda jekk jirrizenja l-haga kienet tieqaf hemm. L-appellant ried jahsibha izda l-Management riedu risposta f'dik il-laqgha u l-appellant ghazel li jirrizenja.

Ghalhekk gie sottomess li dan il-kaz ma setax jigi trattat taht l-Artikolu 28 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 ghax dan ma kienx kaz ta' tkeccija.

4. Xhieda. Billi ghall-appellant gie sottomess li l-appellant gie mgieghel jirrizenja minkejja li hu ma riedx, it-Tribunal ried jisma' x-xhieda ta' dawk li kienu prezenti fil-laqgha u taz-zewg rapprezentanti tal-haddiema. Billi x-xhieda ta' tnejn barranin kellha tkun bl-ingliz, it-Tribunal laqa' t-talba biex jigi nominat traduttur u giet nominata Miss Lorraine Palmier wara li hadet il-gurament mehtieg. Instemghu dawn ix-xhieda :

Is-Sur O. Andersen
Is-Sur V. Mogensen
Is-Sur Joseph Ciantar
Is-Sur O Aquilina
John Polidano minn Jeddu
Is-Sur John Sciberras
Is-Sur Alfred Cassar

5. Xhieda fil-qosor. Mr O. Andersen qal li hu u Mr Mogensen kienu ghamlu nvestigazzjoni fuq xi serq ta' cables mill-fabbrika. Fl-investigazzjonijiet kienu gew meghjuna mis-Sur Ciantar, is-Sur Oliver Aquilina kif ukoll mill-Pulizija. L-investigazzjoni saret il-Gimgha l-4 ta' Lulju u tkompliet it-Tnejn 7 ta' Lulju 1980. Il-'cables' kienu l-fabbrika il-hamis wara nofs in-nhar u bejn il-hamis u l-gimgha il-'watchman' kien John Polidano, u ndunaw li ma kienux izjed fil-fabbrika il-gimgha filghodu. Il-kwantita' ta' 'cables'

li nsterqu kienet ta' xi 250 kilos u l-valur kien ta' xi £200 u dawn il-'cables' kienu 'dangerous' u kien ghalhekk illi kienu anzjuzi li jingabru u mhabba dawn il-fatturi kollha li kienu ddecidew li jekk Folidano jitlaq ma jittiehdux passi ohrajn. Meta ghamlu l-mistoqsija lill-appellant, jekk riedx jitlaq minn rajh jew inkella jittiehdu passi ohra, l-appellant talab iz-zmien biex jahsibha izda billi ma riedux lill-appellant johrog mill-fabbrika ma riedux jaghtuh tul ta' zmien. Il-kliem tar-rizenja kien ghamlu Oliver Aquilina ghax dan kien bil-Malti u l-appellant ma kienx jaf jikteb. L-appellant, zied jghid ix-xhud, ghazel li jirrizenja u ghalhekk hareg mill-kamra, sema' li mar ha xi birra fill-canteen u Oliver Aquilina qallu li huma riedu li r-rizenja ssir bil-miktub. John Folidano kien gie msejjah il-fabbrika it-tnejn, 7 ta' Lulju wara nofs in-nhar u fuq ir-rizenja hemm id-data tal-4 ta' Lulju ghax kienet 'backdated' u ghalkemm ma hemmx xhieda tal-firma kien hemm tnejn minn nies prezenti. Folidano ghall-ewwel qal li ma kienx xoghol bejn it-3 u l-4 ta' Lulju izda meta qalulu li ser juruh il-'punch card', ammetta li kien. Ix-xhud qal ukoll illi qabel ma baghtu ghal John Folidano il-fabbrika kienu sejhu z-zewg rapprezentanti tal-haddiema u kienu nfurmawhom b'dak li gara u li ghalhekk kienu ser jaghtu l-ghazla lil Folidano li jew jirrizenja jew jaghtu l-kaz f'idejn il-pulizija.

Mr. Mogensen. Ikkonferma li hu kien prezenti waqt il-'meeting' tas-7 ta' Lulju, 1980 u qal min kien prezenti. Qal li s-serq sar fil-lejla li kien watchman Folidano li l-kwantita kienet ta' xi 200 kilo u l-valur ta' xi £200, li dawn il-'cables' kienu 'dangerous' li ma jafx jekk ingabrux il-'cables' kollha; ftakar li Folidano kien talab iz-zmien biex jikkonsulta l-avukat tieghu izda ma ftakarx kemm zmien kien talab ghax hu kien ried jikkonsulta l-avukat izda huma ma rieduhx johrog mill-fabbrika qabel jaghti

risposta. Meta gie mistoqsi jekk Polidano ffirmax karta vojta, wiegeb li dan ma kienx veru, hu kien hemm, u meta Polidano ghamel salib insistew li hu jaghmel il-firma u dan ghamilha wkoll, dan kien it-tnejn is-7 ta' Lulju u d-data ta' l-4 ta' Lulju kienet ghax ir-rizenja kellha ssehh mill-4 ta' Lulju. Zied jghid li lil Polidano l-mistoqsijiet ghamilhomlu Mr Andersen u Mr C. Aquilina ttraducihom bil-Malti. Fuq kontroezami, qal li huma kellhom tlett 'watchmen' izda matul il-lejl ikun hemm wiehed biss u l-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Lulju, il-watchman kien Polidano.

<u>Is-Sur Ciantar</u> - li kien Sales Manager tad-ditta li kienet tiddistribwixxi l-prodotti tal-fabbrika NKT, qal li hu kien gie nfurmat minn klijent li kien hemm 'cables' ta' NKT fuq is-suq bi prezzijiet irhas u billi dan ma riedx jemmen il-klijent indikalu l-post f'hanut il-Hamrun u ghalhekk mar biex jara u sab li kien veru ghax dawn il-'cables' kienu ghadhom ma hargux ghall-bejgh u nforma lid-Ditta NKT, dawn bghatu lir-rapprezentant taghhom u dan sab xi 'cables' li kienu misruqa mill-fabbrika u ghalhekk li kien attenda ghas-seduta li kienet saret fuq din il-kwistjoni u semma li f'din is-seduta kien hemm Mr Andersen, Mr Mogensen u Mr Aquilina u li s-seduta kienet fl-ahhar tal-gimgha u fil-bidu tax-xahar ta' Lulju xi l-4 ta' Lulju izda ma kienx zgur mid-data izda ftakar sew li kien hemm in-nies li semma u wara kien hemm Polidano u li l-mistoqsijiet bdew isiru bl-ingliz u gew tradotti mis-Sur Aquilina; ftakar sewwa li lil Polidano tawh l-ghazla li jew jirrizenja jew li l-kaz jitressaq quddiem il-Pulizija, semma xi avukat, ghall-ewwel speci ma accettax, imbaghad hareg u rega' dahal u qal li jirrizenja. Polidano kien staqsa lix-xhud x'kellu x'jaqsam u dan wiegbu li kellu.

Oliver Aquilina qal li l-investigazzjoni saret fl-4 ta' Lulju, li fil-fabbrika kien hemm tlett watchmen u qal min kienu, spjega s-sistema tal-'watch' u qal l-ghala s-suspett waqa' fuq Polidano - is-serq kien ta' xi 200 kilo 'cables' li ma kienux ghaddew it-testijiet u ghalhekk kienu mwarrbin fil-genb f'parti tal-fabbrika u kienu accessibbli ghal 'watchman' u ghal haddiehor ukoll. Ix-xhud ftakar li meta Polidano kien gie moghti l-ghazla jirrizenjax jew tinghata l-affari lill-Pulizija, Polidano kien talab iz-zmien jahsibha izda " hin ezatt ma semmix" u qalulu li ma setax johrog mill-fabbrika ghal iex inkella l-affari tinghata lill-Pulizija. Qal car li l-karta ta' rizenja li ffirma Polidano kien ittajpjaha hu u hdejh kien hemm Mr Mogensen waqt li kien qed jittajpjaha, qrahielu lil Polidano u wara iffirmaha; ma ftakarx li Polidano kien qalilhom : "kemm intom mghagglin biex tkeccuni" imma ftakar li Polidano ried imur ikellem avukat u li fuq il-karta tar-rizenja l-ewwel ghamel salib u wara ikkopja ismu.

John Polidano - l-appellant minn jeddu, qal kienu baghtu ghalih mill-NKT, tela' ma dak li kien mar ghalih, tela' u s-sur Aquilina qallu biex jidhol fil-'meeting' fejn kien hemm Andersen, Mogensen, Oliver Aquilina u Ciantar. Andersen beda jitkellem, semma l-'cables' u wara beda jfehmu bil-Malti - qallu li dak il-'cable' kien instab misruq u x-xhud wiegbu li hu ma kellux permess ifittxilhom lin-nies li johorgu bil-karrozzi u li f'dak il-lejl hu kien hareg xi erba' darbiet bil-van iwassal lin-nies l-hinn u l-hawn u li allura il-'factory' tkun wahedha u setghu jitfghu il-'cables' taht il-hajt barra u wara jehduhom. Kompla jghid li Aquilina qallu dawn il-kliem : "ahna ddecidejna li peress li inti ghandek sebat itfal li titlaq minn hawn," "ahjar titlaq bil-kwiet, ghaliex tmur il-habz," u hu beda jitlobhom biex din l-affari jehduha bis-serjeta' sewwa u meta talbuh jiffirma ma riedx izda qalulu li kellhom

xhieda kontra tieghu u hu talabhom igibu dawn ix-xhieda izda qalu li ma setghux, talab biex jiehu parir u inqas dan ma hallewh jaghmel u kontinwament baqa' jichad il-htija izda qalulu li jekk ma jiffirmax ir-rizenja ikeccuh u la jkun jista' jsiefer u inqas jirregistra u li ser idahhlu l-pulizija jekk ma jiffermax u hu wiegeb "dahhlu!" "Iva dahhlu" izda Aquilina rega' qallu li kellhom ix-xhieda kontra tieghu u ghalhekk l-appellant staqsih jekk rawhx hiereg bit-truck tieghu jew bil-van tal-fabbrika u Aquilina wiegeb li ma rahx u l-appellant rega' qallu "allura x-xhieda ghandkom?" Zied jghid ix-xhud illi mbaghad telghulu, telfuh, kellimhom hazin, u qallu "la tridni nitlaq nifferma hux! ara li ma tahsibx li l-halliel keccejtuh, il-halliel hawn ghadu u lil Alla ncaqilqu, issa minn hawn ghand l-avukat immur," nizel fil-canteen ghax kien baqghalu nofs tazza birra, u mar is-Sur Aquilina u qallu biex imur jifferma, telghu fil-kamra fejn kien hemm Mogenson, Ciantar u Aquilina u ghamel salib; il-karta kienet vojta, xejn ma kien fiha izda hu ghamel ismu u kif ifferma, s-Sur Aquilina qallu"issa l-afferijiet li ghandek fil-kamra mur hudhom" u wara rega' qallu, "la iffermajt tiginiex izjed l-hawn." Fuq mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud rega' qal li meta ffirma l-karta kienet vojta u ghal mistoqsija "u fidil hekk int li tiffirma karta vojta?" wiegeb "Jien fejn naf!" u wara li Aquilina qallu "Trid naqralek xi ktibt?" u hu kellmu hazin u hu kien qallhom li ma riedx jiffirma izda sfurzawh u qallhom lill-pulizija setghu jcemplulhom dak il-hin stess.

Joseph Sciberras qal li lil John Polidano kien jafu fuq ix-xoghol, li kien hemm tlett watchmen, F'Lulju tas-sena l-ohra l-Management kien baghat ghalih u ghal Alfred Cassar bhala rapprezentant tal-haddiema u fil-kamra kien hemm Mr Andersen, Mr Mogenson dak li jbieh il-Cable u Mr Aquilina u kien Mr Andersen li kien infurmahom li

kien hemm kaz ta' serq u li kien waqa' suspett fuq il-watchman Polidano, sa fejn ftakar hu l-gurnata kienet it-tnejn u Polidano ma kienx hemm fil-meeting izda qalilhom li ftit qabel kienu baghatu ghal Polidano u huma (r-rapprezentanti tal-haddiema) stennew li Polidano kellu jkellem lilhom l-ewwel biex jitilghu mieghu kieku Polidano talabhom ghax hemm min ikun kapaci jitla' wahdu. Huma kienu gew accertati li l-Management kellu l-provi u anki qalulhom li kien hemm persuna li semma l-Polidano u semmew ukoll xi hwienet u li kienu marru huma fihom u xtrawhom l-affarijiet, li kellhom il-'punch cards' f'idejhom u wara dawn l-informazzjonijiet qalulhom li kien gie Polidano biex ikellmuh, ghalhekk nizlu isfel biex jistennewh dihel mill-bieb biex ikellmuh izda ma ltaqghux u stennew li Polidano imur ikellimhom l-ewwel u wiehed minnhom dejjem kien hemm kieku ried ikellimhom - lilhom kienu qalulhom li ser jaghtuh l-ghazla u hekk kieku kien innocenti kien jaghzel it-triq li tipprotegi lilu.

Alfred Cassar qal li kien jaf lil Polidano bhala watchman, u ftakar li meta nqala' l-kaz bghatu ghalihom il-Management u telghu jkellmuh hu u Sciberras bhala rapprezentanti tal-haddiema, kien hemm Mr Anderson, Mr Mogensen, Mr Aquilina u bniedem iehor li hu kien jafu bhala agent tal-factory. Infurmawhom bil-kaz, qalu li kellhom provi li kien Polidano u li kienu ser jaghtuh l-ghazla li jew jirrizenja jew il-kaz jghaddi ghand il-Pulizija. Hu kien qallhom li dawn l-affarijiet kellhom jarawhom sewwa izda qalu li kellhom il-provi izda ma tawx dettalji. Huma kienu responsabbli li jressqu l-ilmenti tal-haddiema u damu mal-Management xi nofs siegha u nizlu jistennew lil Polidano ghaliex kienu nfurmawhom li kienu baghtu ghalih u allura kellu jigi izda ma ltaqghux mieghu qabel tela' u meta nizel iltaqa' mieghu u Polidano,

/9. .....

qallu, "irrizenjajt u ffirmajt, u kull ma gara hu li jiena ffirmajt u accettajt li rrizenjajt," u x-xhud qallu "Jekk inti qed tghid li m'ghandekx tort ghalfejn irrizenjajt?"

6. Qabel ix-xhieda is-Sur Richard Matrenza pprezenta kopja ta' affidavit iffirmat minn John Polidano (Dok. Nru.4) u wara x-xhieda is-Sur Albert Fabone esebixxa tlett "punch cards" relevanti ghall-kaz (Doks. 5, 6 u 7).

7. Sottomissjonijiet Finali. Is-Sur Richard A. Matrenza ghall-appellant issottometta li t-Tribunal kellu jasal ghal zewg deliberazzjonijiet - l-ewwel, liema naha stabbiliet il-kredibilita' taghha dwar il-kaz; it-tieni, jekk kienx hemm "beyond a reasonable doubt" pressjoni psikologika u allura r-rizenja ma kienet rizenja xejn izda forma ohra ta' tkeccija. Fuq naha kien hemm Management sofistikat u fuq in-naha l-ohra bniedem illiterat, tnejn tal-Management barranin bid-diffikulta kollha tal-lingwa. Fuq kollox il-gustizzja naturali kienet tesigi li kull akkuzat kellu jkun jaf x'inhi l-akkuza u kull opportunita' li jiddefendi ruhu.

Fuq kredibilita' gie sottomess li waqt li Polidano gie msejjah fis-7 ta' Lulju, u r-rizenja kienet datata 4 ta' Lulju kienet ghalhekk kontradizzjoni; qal ukoll li waqt li Mr Andersen qal li John Polidano kien talab xi gurnata jew tnejn biex jahsibha, is-Sur Aquilina qal li Polidano qal "jixtieq ikellem avukat," li kienet kontradizzjoni. Qal ukoll li hu kien ghamel stharrig xieraq mall-Pulizija u sab li l-kaz kien divers hafna minn dak li xehdu Andersen u Ciantar u ta' dan kien lest biex itella' xhieda kieku t-Tribunal jordna.

/10. .....

Fuq it-tieni punt tar-rizenja volontarja jew istigata giet kwotata mill-British Journal of Industrial Relations Vol. XIII (1975) page 313 ta' Clegg li tghid "Fox quotes the views of their Union Executive and of the WEBBS to the effect that this undertaking was not binding because it was signed under duress. For every man who signed, said the executive, it was, 'as if a pistol were at his head'! "

Kien minnu li kien hemm karta bi kliem ta' rizenja u tahthom il-firma ta' bniedem illiterat. Din il-karta kienet minghajr ebda indikazzjoni li dak li kien miktub kien inqara lil Polidano, minghajr numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-involut u dan f'kaz ta' mportanza kbira ghax kien hemm l-element ta' serq u l-periklu ghal hajja mhabba cable difettuz. Fuq kollox kien hemm il-hobz ta' familja fin-nofs u ghalhekk dan il-kaz kien jisthoqqlu izjed serjeta' u mhux il-leggerezza li wriet il-Management. Dan sostna s-Sur Matrenza, kien biss biex il-Kumpanija tghatti nuqqasijiet serji taghha u hawn ikkwota mix-xhieda ta' Polidano fejn qal li hu ma kienx moghti permess li jfittex lill-haddiema huma u hergin bil-karrozzi taghhom u li dak il-lejl hu kien hareg erba' darbiet bil-van iwassal lin-nies u ghalhekk il-'factory' kienet wahedha. Qal ukoll li t-Tribunal kellu jikkonsidra wkoll l-agir tal-Management fil-kuntatti mal-Pulizija meta b'mod informali u wara ghamlu talba biex procedimenti ma jitkomplewx - hekk jew hekk, gie sostnut, ma kienx hemm ebda hniena ma' Polidano, xorta ittimbrawh, xorta hallewlu 'stigma' xorta ma setax jirregistra ghax-xoghol. Saret enfasi fuq il-kliem li qal is-Sur Aquilina "apparti minn affarijiet ohra", li r-rapprezentanti tal-haddiema il-Management ma tawhomx dettalji meta kelmuhom, li lil Polidano ma tawhx ebda cans jiehu parir,

u riedu risposta immedjata ghall-ghazla li tawh u li l-ligi tar-Relazzjonijiet Industrijali ma saritx biex tkun fuq il-karta biss. Il-pern kollu ta' l-argumenti li fuqu bena l-kaz kien li ghalkemm kien hemm karta ta' rizenja u firma ta' John Polidano, din ma kienet rizenja xejn izda tkeccija, u ghalhekk it-Tribunal gie mitlub li jkompli jisma l-kaz skond kif tipprovdi l-ligi.

Ghal Messrs N.K.T. (Malta) Ltd. is-Sur Albert J. Tabone issottometta li qabel ma t-Tribunal jidhol fil-meritu tal-kaz, ta' bilfors kellu l-ewwel jistabilixxi jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' John Polidano kienetx kawzata minn rizenja jew bhala konsegwenza ta' xi azzjoni ohra tal-Management. John Polidano qal li hu kien sfurzat biex jirrizenja u qal ukoll li lilu giet moghtija karta vojta biex jiffirmaha u b'hekk ried jghid li kollox sata' jinkiteb fuq dik il-karta wara li hu iffirmaha.

Is-Sur Albert Tabone sostna li t-Tribunal sema' x-xhieda ta' Andersen, Mogensen, Aquilina u Ciantar kif ukoll taz-zewg rapprezentanti tal-haddiema Sciberras u Cassar u ta' Polidano in-nifsu. Kollha dawn qalu xorta li Polidano kien gie moghti l-ghazla li jew jirrizenja jew il-kaz imur ghand il-Pulizija ghall-investigazzjoni u jekk jirrizulta azzjoni kriminali u ghalhekk il-punti li t-Tribunal kellu jara preliminarjament kienu :

i) jekk Polidano kienx mitlub jiffirma karta vojta;

ii) jekk fil-fatt iffirmax karta vojta;

iii) jekk tassew kienx sfurzat talment li jiffirma.

Mix-xhieda ta' Aquilina u ta' Mogensen meta Polidano iffirma jidher car li Polidano iffirma wara li kienet miktuba l-kliem tar-rizenja u li l-ewwel ghamel salib u wara ikkopja ismu u li dan ammettih anki Polidano stess.

Polidano mhux biss ma cahadx li kienu tawh l-ghazla bejn jirrizenja jew li l-kaz imur ghand il-Pulizija izda dan ikkonfermaha - l-ghazla ma kienet ta' hadd hlief tieghu anki jekk ta' bilfors Polidano kien ecitat izda li ghazel it-triq tar-rizenja kellu r-ragunijiet tieghu u mhux li kien imgieghel jaghmel li hu ma riedx jaghmel u ghalhekk dan il-kaz kien kaz ta' rizenja u mhux ta' tkeccija. Minn imkien ma hareg li kien hemm pressjoni ingas psikologika u meta ssemma hafna fuq meritu tal-kaz, dan ma kienx relevanti ghall-punt li t-Tribunal kellu quddiemu.

8. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>. Qabel xejn it-Tribunal barra milli jiehu in konsiderazzjoni dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz, irid ta' bilfors jimxi fuq dak li jirrizulta mill-provi u jkollu jittraskura dak kollu li jinghat fis-sottomissjonijiet finali kemm fatti,kemm asserzjonijiet, li fuqhom it-Tribunal ma' sema ebda xhieda jew ma kienx hemm provi li setghu hargu minn dokumenti esibiti. Il-kaz ghall-appellant gie bazat fuq zewg punti mportanti hafna : a) kredibilita' b) jekk kienx hemm 'beyond a reasonable doubt' pressjoni psikologika fuq Polidano biex jiffirma 'rizenja' u jekk kien hemm, allura ma kienet rizenja xejn izda tkeccija u t-Tribunal seta' allura jittratta l-kaz taht l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. Il-kaz ghal Messrs N.K.T. (Malta) Ltd. gie bazat fuq li l-appellant kien gie nfurmat li kien hemm serq u li s-suspett waqa' fuqu u li kien hemm provi u ghalhekk tawh l-ghazla bejn jirrizenja jew il-kaz jinghata f'idejn il-pulizija, u dan, ghal ragunijiet tieghu ghazel li jirrizenja izda l-ghazla ghamilha hu u hadd hliefu.

Fuq kredibilita', it-Tribunal ra sewwa x-xhieda kollha kemm tal-Management kif ukoll ta' l-appellant u

ghalhekk inhabba s-sottomissjonijiet serji u dettaljati li saru minn naha ta' l-appellant fuq dan il-punt, jinhtiegu certi kummenti. Fuq li d-data ta' l-4 ta' Lulju, 1980, li kienet tidher fil-karta ta' rizenja li l-appellant iffirma fis-7 ta' Lulju, 1980 (l-4 tax-xahar kienet il-Gimgha u s-7 kien it-Tnejn) it-Tribunal ma jaghtih ebda piz ghaliex waqt li kien ikun ahjar li d-data kienet is-7 ta' Lulju, minflok l-4 ta' Lulju, deher car mix-xhieda li l-Management riedu li d-data tkun "backdated" mill-4 ta' Lulju. Jekk dan kiex gust jew le, it-Tribunal ma jistax jidhol izda bl-ebda mod ma jnaqqas kredibilita'. Gie wkoll osservat li waqt li Andersen qal li Polidano kien talab gurnata jew tnejn biex jahsibha u s-Sur Aquilina qal li hu kien qal 'nixtieq inkellem avukat', u fil-fatt Andersen, mistoqsi, "Did he specifically state one or two days?" wiegeb "I can not say specifically that he stated one or two days" u Mogensen qal ukoll "He wanted to speak to his lawyer," kif ukoll Ciantar u dan il-fattur ta' zmien kienx gurnata jew tnejn ma hux fattur hekk importanti li jnaqqas jew izid kredibilita' - il-fatt kien li ried zmien biex jahsibha u jichu parir izda l-Management riedu, ghal ragunijiet taghhom, risposta qabel ma Polidano johrog mill-fabbrika biex ma jippregudikawx fil-fehma taghhom il-provi li kellhom. Inqas ma jista' jaccetta t-tezi ta' John Polidano li iffirma karta vojta u dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Mogensen li meta mistoqsi "Mr Polidano was given a blank sheet of paper on which to sign his name and it was only later that he typed words were put in - do you deny it?" it-twegiba kienet "Yes. That is not true. He signed it in my presence" kif ukoll mix-xhieda ta' Aquilina li kien izjed car meta qal 'ittajpjajta jien, jigifieri li waqt li qed nittajpjaha kien hdejja" u kompla jghid "Ittajpjajtaha jiena, qrajtielu u ghidtlu biex jiffirmaha" u hawn il-kredibilita' ixxaqleb sewwa lejn xhieda hekk milli ta' l-involut li ma jidhirx li hu xi ragel li

ma jafx li ma ghandux jiffirma karta vojta.

Fuq il-punt serju li l-appellant iffirma taht 'coercion' jew 'duress' jew 'pressjoni psikologika' it-Tribunal ma semax xhieda sostanzjali. It-Tribunal innota dak kollu li qal is-Sur Richard Matrenza u hu minnu li l-appellant kien wahdu, il-Management kienu erba', id-diffikulta tal-lingwa, ma kellux min jassistih, il-hin limitat li kellu biex jasal ghall-ghazla bejn zewg direzzjonijiet izda l-ghazla kienet libera u l-fattur li dan ir-ragel gie ttimbrat 'halliel' f'ghajnejn kulhadd, minghajr ma kellu ic-cans jiskolpa ruhu seta' jevitah kieku ghazel li l-kaz il-kumpanija tghaddieh f'idejn il-pulizija fejn kien ikollu kull cans li jnaddaf kull timbru u stigma li setghu waqghu fuqu, kieku ghamel l-ghazla l-ohra minflok jirrizenja, seta' wkoll jerga' jew jidhol lura mad-ditta jew jirregistra ghax-xoghol kieku skolpa ruhu ghax il-pulizija kienet, wara investigazzjoni xierqa (u anki f'din ma kienx ikun assistit l-appellant) jew tiddeciedi li ma kienx hemm kaz li tipprocedi jew taghti c-cans lill-appellant jiddefendi ruhu il-qorti. Ma deher xejn li l-N.K.T. sfurzat'l-ghazla' naha jew l-ohra. Id-ditta riedet biss li tkun taf jekk hux hekk jew hekk izda l-ghazla ma kienetx tal-N.K.T. izda ta' l-appellant. Veru li l-appellant kien ecitat, veru li seta' jkun li mhabba hekk ghamel ghazla hazina, veru wkoll li anki kieku kien psikologikament sfurzat, difficilment jista' wiehed jippruvah izda lit-Tribunal dan ma rrizultalux. Pertinenti kienet ix-xhieda ta' Alfred Cassar, wiehed mir-rapprezentanti tal-haddiema u mhux parti mill-management meta qal li wara li kien stenna lil Polidano halli jkellmu qabel Polidano jitla' jkellem lill-Management u dawn ma ltaqux, iltaqghu wara li Polidano nizel mill-meeting u Polidano qallu "kull ma gara hu li jiena iffirmajt u accettajt li rrizenjajt u

Cassar wiegbu "Jekk inti qed tghid li m'ghandekx tort ghalfejn irrizenjajt." Ma wiegbu xejn Polidano u ma qallux li kien sfurzat.

9. <u>Award</u>. Ghalhekk it-Tribunal isib li ma jirrizultalux mill-provi li sema', li Polidano iffirma rizenja taht 'duress' jew taht 'coercion' - anki kieku t-Tribunal kien ikollu jidhol kemm kienet qawwija din id-'duress' biex jiddetermina jekk din ir-rizenja kienetx forma ta' tkeccija kif tistabilixxi l-ligi tar-Relazzjonijiet Industrijali, (Att Nru. XXX ta' l-1976). Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

20 t'April 1981

em